

32006R1185

L 214/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

4.8.2006

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1185/2006**ta' 1-24 ta' Lulju 2006**

li jiddenunzja l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' l-Angola dwar is-sajd 'il barra mill-Angola u li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2792/1999

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 36 u l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Angola dwar is-sajd 'il barra mill-Angola ⁽²⁾ (hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") kien iffirmat f'Luanda fl-1 ta' Frar 1989 u daħal fis-seħħ fdik id-data skond l-Artikolu 15 tiegħu.
- (2) L-aħħar Protokoll anness mal-Ftehim, li jistabbilixxi, għall-perjodu mit-3 ta' Awissu 2002 sat-2 ta' Awissu 2004, l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta mill-Ftehim ⁽³⁾, ma ġġeddidx minħabba li xi kundizzjonijiet fil-qafas leġiżlattiv il-ġdid fuq ir-Riżorsi Bioloġiċi Akwatiċi adottat mill-Gvern tar-Repubblika ta' l-Angola f'Ottubru 2004, kienu inkompatibbli mal-ħtijiet tal-Komunità għas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Komunità fl-ibħra ta' l-Angola.
- (3) Għalhekk huwa xieraq li l-Ftehim jiġi denunzjat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tiegħu.
- (4) Taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jistabbilixxi r-regoli u l-arrangġamenti dettaljati dwar l-assistenza strutturali tal-Komunità fis-settur tas-sajd ⁽⁴⁾, l-Istati Membri jistgħu jagħi kumpens lis-sajjieda u lis-sidien tal-bastimenti għall-waqfiem temporanju ta' l-attivitàajiet meta ftehim ta' sajd ma jiġix imġedded, jew meta jkun sospiż, għall-flotot tal-Komunità li jiddependu mill-ftehim. L-għoti ta' kumpens m'għandux itul aktar minn sitt xhur. Dan jista' jiġġedded

b'sitt xhur oħra kemm-il darba pjan ta' konverżjoni approvat mill-Kummissjoni jitwettaq fil-konfront tal-flotta konċernata.

(5) Fit-18 ta' Lulju 2005 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni li tapprova l-pjan ta' konverżjoni għall-bastimenti tas-sajd milqutin min-nuqqas ta' tiġid tal-protokoll tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Angola fi ħdan il-qafas tal-programm operattiv tal-FIFG relatat ma' l-interventi strutturali tal-Komunità fis-settur tas-sajd għar-reġjuni Objettiv I fi Spanja matul il-perjodu 2000 sa 2006.

(6) Bil-għan li jkun iffaċilitat it-twettiq ta' dak il-pjan ta' konverżjoni, bastimenti tas-sajd tal-Komunità koperti bil-pjan li, bħala riżultat taċ-ċaħda, iwaqfu l-attivitàajiet tagħhom taħta il-Ftehim għandhom ikunu eżentati minn ċerti disponizzjoni jiet tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999. B'mod partikolari, dawn m'għandhomx ikunu suġġetti għall-obbligu li jirrimborżaw l-għajnejha pubblika għall-waqfiem temporanju ta' l-attivitàajiet jew għat-tiġid, modernizzazzjoni jew xiri ta' apparat jew għall-obbligu li juru li kienu kontinwament attivi fis-sena qabel ma tħassru mir-registrū tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu ta' l-Angola dwar is-sajd fl-ibħra 'il barra mill-Angola ffirmat f'Luanda fl-1 ta' Frar 1989 huwa hawnhekk denunzjat fissem il-Komunità.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat biex jinno minna l-persuna(j) bis-setgħa li jinnotifikaw lill-Gvern tar-Repubblika ta' l-Angola bid-denunzja tal-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

1. Bastimenti tas-sajd tal-Komunità fil-lista tal-pjan ta' konverżjoni approvat bid-Deċiżjoni tal-Komunità tat-18 ta' Lulju 2005 m'għandhomx ikunu suġġetti għall-Artikolu 10 (3)(b)(ii) jew (4) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 jew għall-punt 1.1(a) ta' l-Anness III tiegħu.

⁽¹⁾ Opinjoni tas-16.5.2006 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠU L 268, 19.9.1987, p. 66.

⁽³⁾ ĠU L 351, 28.12.2002, p. 92.

⁽⁴⁾ ĠU L 337, 30.12.1999, p. 10, Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 485/2005 (ĠU L 81, 30.3.2005, p. 1).

2. Il-kapaċita' ta' kull bastiment li jibbenefika mid-deroga taħt l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (KE) Nru 2792/1999 għandha tiġi kkunsidrata bħala ħruġ sostnun mill-għajnejha pubblika soġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd taħt il-Politika Komuni tas-Sajd (¹).

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 24 ta' Lulju 2006.

*Għall-Kunsill
Il-President
M. PEKKARINEN*

(¹) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.